MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2019

Rikors Maħluf Numru 277/2017 LM

**Peak Ogilvy & Mather Limited (C 8530)**

***vs.***

**The Jazz Cave (JC) Limited (C 75655)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-28 ta' Marzu, 2017, mis-soċjetà attriċi **Peak Ogilvy & Mather Limited** (C 8530) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Edwin Ward (K.I. numru 400800L) kif debitament awtorizzat, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-kumpannija attriċi ġiet inkarigata minn The Jazz Cave (JC) Limied sabiex tipprovdi diversi servizzi, materjali u tagħmir ta' reklamar u promozzjoni kemm fiżiku u kif ukoll diġitali, kif ukoll xogħlijiet ta' senjaletika u dekorazzjoni għal u*

*ġewwa r-ristorant magħruf bħala 'The Jazz Cave', fil-fond bin-numru 25, ġewwa St George's Road, San Ġiljan;*

2. *Illi minkejja li l-kumpannija attriċi pprovdiet dawn is-servizzi, materjali u tagħmir ta' riklamar u promozzjoni kemm fiżiku u kif ukoll diġitali, kif ukoll xogħlijiet ta' senjaletika u dekorazzjoni lill-kumpannija konvenuta kif imwiegħed u pattwit, u minkejja li l-konvenuta għamlet diversi pagamenti akkont għal dawn il-materjali u xogħlijiet, li ġew reżi u fornuti mill-kumpannija attriċi fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tagħha, il-konvenuta naqset milli tħallas il-bilanċ tal-prezz tal-istess fl-ammont ta' għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro, u wieħed u tletin ċenteżmu (€20,343.31), u dan skont ir-rendikont maħdum abbażi ta' serje ta' fatturi maħruġa minn żmien għal żmien u mibgħuta lill-kumpannija konvenuta, liema inkartament qed jiġi hawn anness u mmarkat 'Dok. A';*

3. *Illi minkejja li l-kumpannija konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas l-imsemmija somma ta' għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€20,343.31), inkluż bl-ittra uffiċjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), bin-numru 13/2017, hija baqgħet inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

4. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, tgħid il-kumpannija konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri neċessarja u opportuna:*

(i) *Tiddikjara li l-kumpannija konvenuta hija debitriċi tal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro, u wieħed u tletin ċenteżmu (€20,343.31);*

(ii) *Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro, u wieħed u tletin ċenteżmu (€20,343.31);*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 13/2017, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet kummerċjali bir-rata ta' mgħax kif definita fl-Artikolu 26A tal-Kodiċi Kummerċjali (Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta) b'effett mid-data stabbilita skont l-Aritkolu 26C (3)(b) tal-Kapitolu 13, u ċioé b'effett minn tletin (30) ġurnata wara d-data meta l-kumpannija konvenuta rċeviet is-servizzi u x-xogħlijiet in kwistjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **The Jazz Cave (JC) Limited** (C 75655) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fl-1 ta' Ġunju, 2017, u maħlufa minn Biero Ibrahim (detentur tal-Passaport numru 010901491) kif debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

1. *Illi fl-ewwel lok il-pretensjonijiet imressqa fil-konfront tas-soċjetà intimata huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti u dan minħabba s-segwenti raġunijiet:*

   a) *Illi mhux minnu illi huwa dovut lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€20,343.31) kif minnha pretiż għal servizzi reżi u materjali pprovduti lis-soċjetà esponenti;*

   b) *Illi jissussisti ftehim ċar u inekwivoku, bejn il-partijiet premessi proprju fir-rigward, illi se mai, is-somma dovuta mingħand is-soċjetà esponenti għas-servizzi u materjali su-riferiti, tammonta għal għaxart elef, mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€10,163.45) – u dan kif ser jiġi ampjament ippruvat tul it-trattazzjoni tal-kawża, dovuti biss fl-eventwalità illi jitlestew u jkunu kompletati s-servizzi miftiehma skont il-ftehim u skont is-sengħa u l-arti;*

   c) *Illi l-ftehim surriferit jinsab rifless saħansitra f'dikjarazzjoni firmata minn John L. Rizzo (ID 96934M) (Dok. JC1), illi huwa azzjonist tas-soċjetà rikorrenti fil-preżenza ta' Edwin Mark Ward, Direttur tas-soċjetà rikorrenti;*

2. *Illi, għalhekk, fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju l-ammont ta' għaxart elef, mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€10,163.45) lanqas ma huma dovuti peress illi s-servizzi u xogħlijiet li kellhom isiru kif miftiehem ma sarux kollha u fejn saru, ma sarux tajjeb u skont is-sengħa u l-arti, kollox kif għandu jiġi kkonfermat u ppruvat fil-kawża odjerna, jekk neċessarju bil-ħatra ta' perit nominat.*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà rikorrenti u bir-riserva għal kull azzjoni spettanti lis-soċjetà esponenti, inkluż dik għad-danni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Is-soċjetà attriċi kienet ġiet inkarigata mis-soċjetà konvenuta sabiex tipprovdi diversi servizzi u materjali, fosthom tagħmir ta' reklamar u promozzjoni u xogħol ieħor għall-fond bin-numru 25, Triq San Ġorġ, San Ġiljan, magħruf aħjar bħala 'The Jazz Cave', għal liema xogħlijiet u materjali s-soċjetà attriċi ssostni li s-soċjetà konvenuta għad trid tħallasha bilanċ ta' għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€20,343.31).[1] Is-soċjetà konvenuta baqgħet moruża fil-ħlas ta' dan il-bilanċ minkejja li ġiet interpellata sabiex tersaq għall-ħlas tal-istess, u minkejja li saru min-naħa tagħha xi ħlasijiet akkont tas-servizzi u materjali fornuti lilha mis-soċjetà attriċi.

[1] Waqt is-smigħ tal-kawża s-soċjetà attriċi ppreżentata nota ta' riduzzjoni li permezz tagħha s-soċjetà attriċi ppremettiet li l-bilanċ li għadu dovut lilha hu ta' dsatax-il elf, tmien mija u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€19,870.52).

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta, filwaqt li tgħid li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ċar li s-somma dovuta għandha tkun ta' għaxart elef, mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€10,163.45), tgħid ukoll li dan l-ammont kellu jkun dovut biss f'każ li s-servizzi miftiehma bejn il-partijiet ikunu ġew ipprovduti mis-soċjetà attriċi skont il-ftehim ta' bejniethom u skont is-sengħa u l-arti. F'dan ir-rigward, is-soċjetà konvenuta eċċepiet li lanqas dan l-ammont mhuwa dovut minħabba li x-xogħlijiet li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li kellhom isiru mis-soċjetà attriċi ma sarux kollha, u fejn saru, dawn ma kinux skont is-sengħa u l-arti.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Kontestwalment mar-rikors promutur is-soċjetà attriċi esebiet kopji ta' fatturi li jindikaw l-ammonti li qiegħda tippretendi li huma dovuti lilha għal servizzi u materjali reżi lis-soċjetà konvenuta.[2] Skont il-fattura maħruġa mis-soċjetà attriċi li tinsab *a fol.* 5 tal-proċess jirriżulta li minkejja li s-soċjetà konvenuta għamlet xi ħlasijiet, fosthom fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u tlieta u tmenin Euro (€4,283) fid-9 ta' Settembru, 2016 u l-ammont ta' ħdax-il elf u mitejn Euro (€11,200) fl-1 ta' Diċembru, 2016, għad hemm bilanċ dovut fl-ammont ta' għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€20,343.31).

Id-direttur tas-soċjetà attriċi **Edwin Ward** fl-*affidavit* tiegħu[3] qal illi s-soċjetà Peak Ogilvy & Mather Limited toffri servizzi ta' reklamar u *marketing* lill-klijenti tagħha, li ġeneralment ikunu kumpanniji. Qal li dan is-servizz jinvolvi t-

[2] *A fol.* 4 *et seq.* tal-proċess.
[3] *A fol.* 41 tal-proċess.

tħejjija ta' xogħol artistiku, kif ukoll il-pubblikazzjoni tar-reklami fl-aktar *media* effettivi u adattati fir-rigward tal-proġett li jkun qiegħed isir xogħol fuqu. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi ġiet avviċinata mis-soċjetà konvenuta f'Mejju 2016, bl-inkarigu li toħloq identità għall-marka kummerċjali ta' kunċett ta' *catering* innovattiv li kien ser jibda jiġi offrut f'pajjiżna mis-soċjetà konvenuta kif rappreżentata minn Mohsen Al Hawary, direttur tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li saru numru ta' laqgħat ma' Mohsen Al Hawary, u f'laqgħa minnhom ix-xhud kien ħallielu kopja tal-kuntratt li permezz tiegħu kellu jingħata l-inkarigu lis-soċjetà attriċi, liema kuntratt però ma kienx ġie iffirmat minn Mohsen Al Hawary. Ix-xhud spjega x'tip ta' servizzi ġew fornuti lis-soċjetà konvenuta fuq medda ta' ġimgħat, bit-tnedija ta' logo u disinji oħra li kellhom jintużaw mis-soċjetà konvenuta, kif ukoll bix-xogħol li sar fuq is-senjaletika li kellha tintuża fl-istabbiliment tas-soċjetà konvenuta. Żied jgħid li minkejja li matul ix-xahar ta' Awwissu Mohsen Al Hawary kien imsiefer, madanakollu s-soċjetà attriċi xorta waħda ħadet ħsieb li tilħaq id-*deadlines* kollha imposti fuqha, filwaqt li ħadet ħsieb ix-xogħol kollu marbut mal-organizzazzjoni tat-tnedija tal-prodott offrut mis-soċjeta konvenuta. Żied jgħid li fis-7 ta' Settembru 2016, is-soċjetà attriċi bagħtet fattura lis-soċjetà konvenuta sabiex titlob depożitu għas-senjeletika u xogħol ieħor li sar mis-soċjetà attriċi, li l-ħlas tagħhom sar mill-kont bankarju ta' Mohsen Al Hawary. Madanakollu, kompla x-xhud, madwar għaxart ijiem wara, hu kien irċieva telefonata mingħand ir-*restaurant manager* tas-soċjetà konvenuta li kien infurmah li kien qiegħed jirriżenja mill-kariga li kellu minħabba li ma kienx tħallas tax-xogħol tiegħu mas-soċjetà konvenuta.

Ix-xhud spjega li l-ħlas komplut għall-installazzjoni tas-senjaletika u xogħol ieħor li saru mis-soċjetà attriċi fil-Jazz Cave Restaurant, kellu jsir hekk kif

titlesta l-installazzjoni da parti tas-soċjetà attriċi, iżda minflok Mohsen Al Hawary kien wiegħed li kien ser jeffettwa l-ħlas wara l-avveniment li fih kellu jitnieda l-kunċett tas-soċjetà konvenuta. B'rabta ma' dan l-avveniment, is-soċjetà konvenuta kienet talbet lis-soċjetà attriċi tinstalla numru ta' Smart TVs, IP camera u *recorder,* li lkoll ġew ordnati fl-aħħar mumenti, wara li ġie nnutat li wħud mill-mistednin ma kienx ser ikollhom vista tajba tal-palk. Ix-xhud żied jgħid li l-kunċett ġie mniedi fl-24 ta' Settembru, 2016, u għal dan l-avveniment kienu mistiedna diversi VIPs li lkoll ġew identifikati mis-soċjetà attriċi. Għal dan l-avveniment ġie ingaġġjat fotografu professjonali, u x-xhud qal li hu personalment attenda u tkellem mal-mistednin kollha, u wara dan l-avveniment kien Mohsen Al Hawary li wasslu d-dar u qallu li l-lejla kienet waħda ta' suċċess. Qal ukoll li waqt it-tnedija tal-kunċett, Biero Ibrahim, li hu magħruf ukoll bħala 'Daniel', kien infurmah li hu kien qiegħed jitħallas salarju ta' *waiter* u dan minkejja li hu kien qiegħed jagħmel xogħol ta' *food and beverage manager.* Ix-xhud spjega kif mill-ġurnata ta' wara, Al Hawary beda jilmenta minn diversi affarijiet u servizzi fornuti mis-soċjetà attriċi li ma kinux qegħdin jogħġbuh, u meta ngħata r-ritratti professjonali li ttieħdu dakinhar tal-avveniment tat-tnedija, dan ilmenta li ma kinux tajbin u li ma kienx ser iħallas tagħhom, għalkemm ftit mumenti wara dawn l-istess ritratti ttellgħu fuq il-paġna ta' Facebook tas-soċjetà konvenuta, u għalhekk intużaw minnu għall-istess skop li għalih kienu ttieħdu. Ix-xhud qal li dan l-aġir wera li Al Hawary ma kienx qiegħed jaġixxi in bona fede. Żied jgħid li tul ix-xahar ta' Novembru, is-soċjetà attriċi għamlet kuntatt ma' Ibrahim sabiex tara meta kien ser isir il-ħlas tal-ammonti dovuti lilha, u sa dakinhar kien hemm qbil li l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi kien ta' €24,592.05.

Ix-xhud kompla jgħid li eventwalment fid-9 ta' Diċembru, 2016 kienet saret laqgħa fil-Jazz Cave Restaurant bejn John Rizzo il-*financial controller* tas-soċjetà attriċi, Marcus Ward u x-xhud, u Mohsen Al Hawary, fejn Al Hawary kien talab kopja tal-fatturi kollha li abbażi tagħhom is-soċjetà attriċi kienet qiegħda tippretendi ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta. Ix-xhud spjega kif l-ilmenti ta' Al Hawary kienu ġew indirizzati billi nħarġu għadd ta' *credit notes* da parti tas-soċjetà attriċi għall-valur ta' erbat elef, mitejn u tmienja u erbgħin Euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€4,248.74), sabiex b'hekk il-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi kien ġie mnaqqas għal għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€20,343.31). Ix-xhud żied jgħid li f'dik il-laqgħa Al Hawary kien ikkonferma li kien ser iħallas l-ammont ta' għaxart elef, mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€10,163.45) hekk kif jirċievi l-*credit notes*, filwaqt li wiegħed li kien ser iħallas il-bilanċ dovut mis-soċjetà konvenuta sa wara l-Milied. Żied jgħid li hekk kif Mohsen Al Hawary kien wiegħed dan, John Rizzo kien kiteb il-kliem '*As agreed settlement of Euro 10,163.45'* fuq il-fattura maħruġa mis-soċjetà attriċi. Fit-12 ta' Diċembru, 2016 is-soċjetà attriċi tat il-*credit notes* ammontanti għal €4,248.74 lis-soċjetà konvenuta, iżda minkejja l-wegħdiet kollha li saru da parti tas-soċjetà konvenuta li kienet ser tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €10,163.45 hekk kif tirċievi l-*credit notes*, il-ħlas dovut minnha baqa' ma sarx. Ix-xhud qal li fit-2 ta' Frar, 2017 kienet saret laqgħa bejn Marcus Ward mis-soċjetà attriċi u Ibrahim mis-soċjetà konvenuta, fejn kien intlaħaq qbil dwar is-somma kollha dovuta mis-soċjetà konvenuta ta' €20,343.31. F'din il-laqgħa r-rappreżentant tas-soċjetà attriċi kien għamilha ċara wkoll li s-soċjetà attriċi ma kienet ser tipprovdi l-ebda xogħol jew servizz ieħor lis-soċjetà konvenuta sakemm ma tirċevix il-ħlas kollu dovut lilha. Ix-xhud kompla jispjega kif ġurnata wara li

kienet saret din il-laqgħa, Ibrahim kien bagħat SMS lil Marcus Ward fejn kien infurmah li s-soċjetà konvenuta kienet ser tagħmel ħlas ta' elfejn Euro (€2,000) fl-20 ta' Frar 2017, filwaqt li l-bilanċ rimanenti kien ser jitħallas permezz ta' pagamenti ta' ħames mitt Euro (€500) kull ġimgħa, u dan skont struzzjonijiet mogħtija minn Al Hawary nnifsu. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi kienu ġew infurmati wkoll li s-soċjetà konvenuta kellha diversi kredituri li kienu qegħdin jippretendu li jitħallsu, iżda s-soċjetà konvenuta ma kellhiex fondi minn fejn tħallas. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-ammont totali dovut ta' għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€20,343.31) qatt ma ġie kkontestat mis-soċjetà konvenuta, u s-soċjetà attriċi ma kellha l-ebda għażla oħra għajr li tistitwixxi dawn il-proċeduri sabiex titħallas dak dovut lilha. Ix-xhud żied jgħid li hu sar jaf li negozju li Mohsen Al Hawary kellu fi Spanja u fil-Canary Islands kien sfaxxa.

Ix-xhud **John Rizzo**, *financial controller* tas-soċjetà attriċi fl-*affidavit* tiegħu[4] spjega li fost responsabbilitajiet oħra huwa kien jieħu ħsieb il-ħruġ tal-fatturi, u x-xiri u l-ħlasijiet tal-kumpannija. Qal li hu sar jaf bil-kwistjoni bejn il-partijiet minħabba li fid-9 ta' Diċembru, 2016 huwa kien attenda laqgħa li nżammet ġewwa r-restaurant Jazz Cave fil-Hotel Juliani, liema laqgħa kienet saret minħabba li Mohsen Al Hawary kien talab li jiġu diskussi l-fatturi kollha li ntbagħtu lilu mis-soċjetà attriċi, u l-bilanċ dovut dakinhar kien hemm ta' erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u tnejn u disgħin Euro u ħames ċenteżmi (€24,592.05) għal xogħlijiet li diġà kienu lesti. Ix-xhud ikkonferma li waqt din il-laqgħa kien ġie miftiehem li s-soċjetà attriċi għandha tagħti *credit notes* lis-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u disgħa u erbgħin Euro u

[4] *A fol.* 49 tal-proċess.

erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€4,249.74)*,* sabiex b'hekk l-ammont dovut mis-soċjetà konvenuta ġie ridott għal €20,343.31. Ix-xhud żied jispjega li mill-ammont ta' €20,343.31, is-soċjetà konvenuta kellha tħallas l-ammont ta' €10,163.45 hekk kif tirċievi l-*credit notes,* u dan sabiex is-soċjetà attriċi tkun tista' tagħmel xi modifikazzjonijiet f'xi xogħlijiet li kienet diġà lestiet iżda li Mohsen Al Hawary beda jgħid li ma kinux għall-gosti tiegħu. Ix-xhud spjega li peress li Al Hawary beda jgħid li ma setax abbażi tal-fatturi jikkalkula l-ammont li kellu jitħallas malli jirċievi l-*credit notes* mingħand Ogilvy, fuq talba ta' Al Hawary stess ix-xhud kien kiteb bil-linka l-kliem '*As agreed settlement of Euro 10,163.45'* u ffirma wara, u dan bil-ħsieb li hekk kif is-soċjetà attriċi toħroġ il-*credit notes* favur is-soċjetà konvenuta, din tal-aħħar tħallas immedjatament is-somma ta' €10,163.25, filwaqt li l-bilanċ rimanenti kellu jitħallas wara ftit ġimgħat. Ix-xhud żied jgħid li Al Hawary kien aċċertahom diversi drabi li s-soċjetà konvenuta kienet ser tħallas is-somma ta' €10,163.25 malli tirċievi l-*credit notes.* Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tiegħu:

> "Jien naf li llum il-ġurnata JC qiegħda tipprova timmanipula dawn il-kelmiet miktuba minni fuq l-i*statement* maħruġ minn Ogilvy billi tgħid li jikkostitwixxu ftehim bejn il-partijiet, iżda nikkonferma li dawn il-kelmiet kellhom iservu biss biex Mohsen Al Hawary jiftakar l-ammont li kellha tħallas JC lil Ogilvy bħala pagament parzjali minn ammont ikbar, u l-bilanċ bejn iż-żewġ somom kellu jitħallas minn JC aktar tard. Fi kwalunkwe każ, ma nistax ma nirrilevax, li jien m'għandix rappreżentanza tal-kumpannija, u m'hemm l-ebda firma da parti ta' JC fuq dawn il-kelmiet tiegħi, sabiex ikunu jistgħu jikkostitwixxu ftehim validu bejn il-partijiet."

**Marcus Ward**, *finance and administration officer* tas-soċjetà attriċi, fl-*affidavit* tiegħu[5] kkonferma li l-ammont dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi huwa ta' €20,343.31. Ix-xhud qal li hu kien ħadem fuq il-mod kif kellha

[5] *A fol.* 53 tal-proċess.

titħallas is-soċjetà attriċi għall-proġett skont il-*budget* li ngħatat mis-soċjetà konvenuta. Kompla jgħid li l-ewwel laqgħa li attenda għaliha kienet saret fit-28 ta' Lulju 2016, fejn ġew diskussi l-ispeċifikazzjonijiet marbuta mal-proġett kif ukoll l-estetika tar-*restaurant* li s-soċjetà konvenuta xtaqet tiżviluppa. Qal ukoll li f'waħda mil-laqgħat ġie ppreżentat il-logo li ħadmet fuqu s-soċjetà attriċi għas-soċjetà konvenuta, flimkien ma' diversi viżwali oħra li din kienet ser tuża. Ix-xhud spjega li l-fattura b'rabta mat-tfassil tal-logo kienet approvata minn Mohsen Al Hawary waħdu, filwaqt li l-*budget* inizjali maħsub għall-proġett kien intbagħat lill-istess Al Hawary fit-8 ta' Awwissu, 2016, u diversi punti hemmhekk indikati kienu ġew approvati minn Al Hawary *f'email* tal-10 ta' Awwissu, 2016. Ix-xhud spjega fid-dettall in-natura tax-xogħol li s-soċjetà attriċi kienet mitluba tagħmel għas-soċjetà konvenuta, id-dati meta ntbagħtu l-fatturi, u kull fattura x'tip ta' xogħol jew servizz kienet tkopri. Ix-xhud esebixxa wkoll għadd ta' reklami li dehru f'gazzetti u *magazines* b'rabta mal-kampanja ta' reklamar li ħadmet fuqha s-soċjetà attriċi bħala parti mis-servizz offrut lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud iddeskriva episodju partikolari fejn Mohsen Al Hawary kien ta struzzjonijiet għal xi tibdil fid-dekor ta' ġewwa tar-*restaurant,* b'tali mod li xi installazzjonijiet li kienu saru mis-soċjetà attriċi ma baqgħux jidhru attraenti, u li kien dan l-aġir da parti ta' Mohsen Al Hawary li wassal lir-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi jibdew jiddubitaw jekk Al Hawary kienx qiegħed jaġixxi in bona fede jew le. Kien hawnhekk ukoll li Al Hawary intalab iħallas il-flus kollha dovuti mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi.[6] Ix-

[6] Fi kliem ix-xhud, "*Two weeks later, we were called to the Jazz Cave Restaurant and Mr Al Hawary showed us 'Mural 5' complaining that it did not reach from wall to wall, and rquesting this to be changed. However we were able to show him photos of this mural which were taken during opening night (one of which was the photo attached to this statement). In all these pictures, a cabinet can be seen positioned in a far section of the wall, and the mural fitting perfectly between the wall corner and the cabinet. The reason why the mural was not reaching from wall to wall was that the cabinet had apparently been removed on Mr. Al Hawary's instructions after opening night.*
*When presented with this photographic evidence, Mr. Al Hawary dropped his demands for the mural to be changed, only to start complaining of the opening night to later use them anyway as explained by Edwin Ward. At this point, it became*

xhud spjega wkoll li f'laqgħa li saret fid-9 ta' Diċembru, 2016 li għaliha kienu preżenti John Rizzo u Edwin Ward mis-soċjetà attriċi, kif ukoll Al Hawary, kien ġie stabbilit li l-bilanċ dovut mis-soċjetà konvenuta kien fl-ammont ta' €20,343.31, u dan wara li s-soċjetà attriċi ħarġet għadd ta' *credit notes* fl-ammont ta' €4,248.74 u b'hekk is-soċjetà konvenuta bbenefikat minn xi *discounts*. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li fit-3 ta' Frar, 2017 Biero Ibrahim mis-soċjetà konvenuta kien informa lis-soċjetà attriċi li s-soċjetà konvenuta kienet disposta li tħallas is-somma ta' €20,343.31 billi tħallas €2,000 fl-20 ta' Frar, 2017, u l-bilanċ permezz ta' pagamenti ta' €500 kull ġimgħa, liema offerta ma ġietx aċċettata mis-soċjetà attriċi.

Ix-xhud esebixxa wkoll diversi ritratti u dokumenti oħra b'rabta mal-inkarigu mogħti lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta.[7]

Fis-6 ta' Ottubru, 2017 is-soċjetà attriċi ppreżentat nota ta' riduzzjoni fejn spjegat li bi żvista d-diriġenti tas-soċjetà attriċi kienu kkalkolaw b'mod żbaljat l-ammont dovut lilha mis-soċjetà konvenuta, u li l-ammont dovut huwa dsatax-il elf, tmien mija u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€19,870.52).

Fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **John Rizzo**[8], li ntalab jixhed dwar l-ammont dovut mis-soċjetà konvenuta u dwar il-fatt li kienet ġiet ippreżentata nota ta' riduzzjoni. Ix-xhud ikkonferma li min-naħa tiegħu hu kien qiegħed isegwi l-fatturi li nħarġu mis-soċjetà attriċi b'mod regolari u minkejja li s-soċjetà konvenuta kienet ikkommettiet ruħha li dawn ser jitħallsu, dawn

---

*clear to us that Mr. Al Hawary was not acting in good faith and I started personally chasing the persons responsible for the administration of JC to collect payment of the full outstanding sum."*

[7] A fol. 59 *et seq.* tal-proċess.

[8] A fol. 263 tal-proċess.

baqgħu ma tħallsux. Spjega li t-taħdidiet dwar is-servizzi li kellhom jiġu reżi mis-soċjetà attriċi dejjem saru ma' Edwin Ward u ma' ibnu Marcus Ward, u hu kien jieħu ħsieb biss l-aspett finanzjarju tal-kumpannija. Żied jgħid li waqt il-laqgħa tad-9 ta' Diċembru, 2016, meta hu kiteb il-kliem '*... agreed settlement ...'* kien hemm preżenti s-Sinjuri Ward, u qal ukoll li ma kienx jaf jekk dak maqbul waqt il-laqgħa kienx segwit minn xi *email* jew xi tip ta' ftehim ieħor bil-miktub. Spjega li l-kelma '*settlement*' ma kellhiex tinftiehem bħala '*full settlement'* u da parti tiegħu hu kien għamel diversi telefonati sabiex jara s-soċjetà konvenuta meta kienet ser tħallas dak dovut minnha, iżda dan il-ħlas baqa' ma sarx

Fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Edwin Ward**[9], li qal li hu azzjonist u direttur tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li fir-rigward tal-inkarigu mogħti lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta, huwa kien inkarigat mill-aspett kreattiv u artistiku, u s-soċjetà attriċi kienet intalbet tagħti *presentation* lis-soċjetà konvenuta qabel ġie mogħti dan l-inkarigu. Dwar il-kliem miktub minn John Rizzo fuq waħda mill-fatturi '... *agreed settlement ...',* dan kien sar fil-preżenza tiegħu, u hu kien qabel li dak l-ammont kellu jitħallas mis-soċjetà konvenuta immedjatament, għalkemm dan ma kienx l-ammont totali dovut lis-soċjetà attriċi. Ix-xhud spjega li l-ftehim bejn il-partijiet kien li parti mill-ammont kellu jitħallas immedjatament hekk kif is-soċjetà attriċi toħroġ il-*credit notes,* filwaqt li l-bilanċ kellu jitħallas lilha wara l-festi tal-Milied. Qal ukoll li bejn il-partijiet ġew skambjati *emails* li jindikaw dan. Ix-xhud ikkonferma wkoll li s-soċjetà attriċi irċeviet żewġ ħlasijiet, wieħed fid-9 ta'

[9] *A fol.* 272 tal-proċess.

Settembru, 2016 fl-ammont ta' €4,283 u ieħor fil-bidu ta' Diċembru 2016 fl-ammont ta' €11,200.

Fid-9 ta' Marzu, 2018 kompla l-kontroeżami ta' **Edwin Ward**[10], li esebixxa l-*emails* skambjati bejn il-partijiet fir-rigward tal-ammonti dovuti lis-soċjetà attriċi u l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet f'dan ir-rigward.[11]

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Marcus Ward**[12], li spjega li fir-rigward tax-xogħol li sar mis-soċjetà attriċi b'rabta mal-inkarigu mogħti lilha mis-soċjetà konvenuta, hu kien qiegħed f'negozjati mas-*suppliers* u kien qiegħed jieħu ħsieb il-*purchase orders* u l-fatturi li ntbagħtu lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li fil-proposta oriġinali li saret mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta, il-prezz ikkwotat għas-servizzi kollha li kellhom jiġu pprestati kien ta' €17,000 + VAT. Ix-xhud ikkonferma wkoll li s-soċjetà konvenuta kienet talbet proposti aktar dettaljati, li kienu ġew ipprovduti lilha. Qal ukoll li minkejja li Al Hawary ma kienx approva dak kollu li ġie propost lilu, il-fatturi li ntbagħtu lis-soċjetà konvenuta kienu fir-rigward ta' dak kollu li kien ġie approvat mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud żied jgħid ukoll li f'dan il-każ ma kienx hemm ftehim bil-miktub fir-rigward ta' dak li s-soċjetà konvenuta talbet lis-soċjetà attriċi tipprovdi, u dan minkejja li kien hemm diskussjonijiet dwar il-*budget* allokat għas-servizzi reżi mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà konvenuta kienet ħallset l-ammont ta' €4,283 u €11,200 lis-soċjetà attriċi, iżda minħabba li ma kienx hemm indikazzjoni ta' liema fatturi kien qiegħed isir ħlas tagħhom, is-soċjetà attriċi kienet żammet dawn il-flus *on account,* għalkemm qal li x'aktarx li dawn il-flus kienu intużaw biex jiġi

[10] *A fol.* 277 tal-proċess.
[11] *A fol.* 281 sa 286 tal-proċess.
[12] *A fol.* 287 tal-proċess.

sodisfatt il-ħlas ta' xi kontijiet. Ix-xhud ikkonferma wkoll li hu kien preżenti meta John Rizzo kiteb il-kliem '*As agreed settlement of Euro 10,163.45*', u li l-ammont hekk imniżżel kien jirrappreżenta l-ewwel ammont li Mohsen Al Hawary qabel li għandu jħallas. Ix-xhud spjega li dan l-ammont kien ħlas parzjali li ma kellux jeskludi l-bilanċ rimanenti tal-ammont dovut mis-soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tat-18 ta' April, 2018 tkompla l-kontroeżami ta' **Marcus Ward**[13], li qal li l-ewwel ħlas li sar mis-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' €4,000 kien jirrappreżenta 35% tad-depożitu li kellu jitħallas mis-soċjetà konvenuta, filwaqt li l-ħlas ta' €11,200 kien ħlas akkont. Ix-xhud spjega li l-ammont ta' €11,200 jirrappreżenta parti mill-flejjes dovuti mis-soċjetà konvenuta. Qal ukoll li wara li s-soċjetà attriċi ħarġet il-*credit notes,* Mohsen Al Hawary kien qabel li kien ser iħallas l-ammonti dovuti mis-soċjetà konvenuta, liema ħlasijiet qatt ma waslu u dan minkejja li kien hemm diversi telefonati, sakemm waslet offerta da parti tas-soċjetà konvenuta, għall-ħlas ta' darba ta' €2,000 li kellu jsir fi Frar 2017, u l-ħlas tal-bilanċ permezz ta' pagamenti ta' €500 fil-ġimgħa. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-ammont ta' €20,343.21 għadu dovut mis-soċjetà konvenuta.

Ix-xhud **Mohsen Selim Mansour Al Hawary** fl-*affidavit* tiegħu[14] qal li hu wieħed minn żewġ diretturi tas-soċjetà The Jazz Cave Limited, filwaqt li d-direttur l-ieħor hu Biero Ibrahim. Qal li oriġinarjament Ibrahim kien *restaurant manager* u sussegwentement dan kien ġie promoss għal direttur eżekuttiv responsabbli mit-tmexxija tal-operat tal-Jazz Cave. Qal li kien hu li ħareġ bil-kunċett ta' Jazz Cave bħala *fine dining restaurant* u s-soċjetà attriċi kienet ġiet

[13] *A fol.* 300 tal-proċess.
[14] *A fol.* 306 tal-proċess.

rakkommandata lilu minn kumpannija fl-Ingilterra li kienet għamlet użu mis-servizzi tagħha. Qal li s-soċjetà attriċi kienet intalbet tagħmel proposti sabiex jiġu organizzati numru ta' attivitajiet, fosthom il-ftuħ tar-*restaurant* b'numru ta' mistiedna magħżulin u b'*coverage* mill-*media*, il-preparazzjoni ta' *marketing plan* sabiex il-kunċett ġdid tar-*restaurant* isir magħruf mill-pubbliku, assistenza fid-dekorazzjoni tar-*restaurant,* id-disinn u t-tnedija tal-*website* tar-*restaurant*, kif ukoll diversi *accounts* fuq siti tal-*media* soċjali, u d-disinn ta' menu b'ritratti professjonali tal-menu għall-istess *website.* Spjega li dan ġie segwit b'*email* mibgħuta minn Marcus Ward fit-8 ta' Awwissu, 2016 b'*budget* inizjali li kien stmat li jkun ta' madwar erbgħa u tletin elf Euro (€34,000) + VAT. Qal ukoll li s-soċjetà konvenuta kienet indikat l-attivitajiet li xtaqet tipprijoritizza minn dawk offruti lilha mis-soċjetà attriċi, u li dawn is-servizzi hekk magħżula kienu jlaħħqu l-ispiża ta' €6,375 (+ VAT). Ix-xhud żied jgħid li s-soċjetà konvenuta kienet inkarigat lis-soċjetà attriċi bil-ftuħ u t-tnedija tal-kunċett tagħha, u dan il-ftuħ kien sar fil-25 ta' Settembru, 2016. Qal ukoll li wara l-ftuħ hu kien innota li wħud mis-servizzi ipprovduti mis-soċjetà attriċi ma kinux tal-livell mixtieq minnu, u li dakinhar tal-ftuħ ma kien hemm l-ebda *media coverage* u minkejja li l-pjan oriġinali kien li jiġu mistiedna rappreżentanti mid-diversi organizzazzjonijiet tal-*media* fil-pajjiż, ma kien attenda ħadd minn dawn l-organizzazzjonijiet għall-ftuħ. Qal ukoll li l-*accounts* tal-*media* soċjali tas-soċjetà konvenuta ma ġewx attivati fil-ħin, u ċertament dawn ma ġewx attivati qabel it-tnedija uffiċjali tar-*restaurant*, filwaqt li l-*website* baqgħet ma ġietx żviluppata. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li l-paġna ta' Facebook tas-soċjetà konvenuta kienet ġiet imnedija mis-soċjetà attriċi, din kienet intiża għal klijenti fis-suq Kroat u mhux għal klijenti Maltin. Qal ukoll li d-disinn tal-menu u r-ritratti professjonali li kellhom jittieħdu baqgħu ma

ttiħdux, u li kien hemm difetti viżibbli fix-xogħol ipprovdut, tant li f'laqgħa li saret f'Ottubru 2016, kien hemm qbil da parti tas-soċjetà attriċi li kellhom jinbidlu xi installazzjonijiet li saru fir-*restaurant.* Qal ukoll li minkejja li hu ma kienx sodisfatt bis-servizz ipprovdut mis-soċjetà attriċi, sa Diċembru tal-2016, is-soċjetà konvenuta ħallset l-ammont ta' ħmistax-il elf, erba' mija u tlieta u tmenin Euro (€15,483), u dawn il-ħlasijiet saru għall-installazzjoni taż-żewġ HD smart TVs, is-CCTV *camera,* l-ispejjeż marbuta mat-tnedija tal-kunċett u 35% depożitu akkont tal-ispejjeż tal-produzzjoni ta' xi installazzjonijiet. Ix-xhud qal ukoll li hu jħoss li kien hemm element ta' qerq da parti tas-soċjetà attriċi li abbużat mill-fatt li hu ma kienx ikun dejjem preżenti fir-*restaurant* u din kienet ingaġġjat terzi biex jagħmlu ċertu xogħol, li mhux dejjem ipprovdew xogħol sodisfaċenti. Qal ukoll li anki l-fatturi mibgħuta mis-soċjetà attriċi ma kinux korretti. Ix-xhud wera ruħu sorpriż għall-fatt li s-soċjetà attriċi qalet li kienet qiegħda żżomm l-ammont ta' €11,200 akkont ta' dak dovut lilha, minflok ma wżat dawn il-fondi sabiex titħallas xi waħda mill-fatturi maħruġa minnha. Ix-xhud qal li l-laqgħa tad-9 ta' Diċembru, 2016 kienet saret sabiex jiġu spjegati lilu wħud mill-fatturi maħruġa mis-soċjetà attriċi, u dan minħabba li sa dakinhar li kienet saret din il-laqgħa, l-ammont allegatament dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi kien ta' €40,075.05, liema ammont kien ferm ogħla mill-ammont oriġinarjament miftiehem bejn il-partijiet. Qal ukoll li dakinhar li saret il-laqgħa bejn il-partijiet, il-ftehim milħuq kien li s-soċjetà konvenuta kien baqgħalha tħallas l-ammont ta' għaxart elef, mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€10,163.45) *in full and final settlement* tal-pretensjonijiet kollha tas-soċjetà attriċi, filwaqt li l-ammont ta' erbatax-il elf, erba' mija u tmienja u għoxrin Euro u sittin ċenteżmu (€14,428.60) kellu jinħafer permezz ta' għadd ta' *credit notes* li kellhom

jinħarġu lis-soċjetà konvenuta. Qal ukoll li kien sorpriż meta sab li s-soċjetà attriċi kienet ħarġet *credit notes* fl-ammont ta' €4,248.74 u mhux l-ammont totali ta' €14,428.60 maqbul bejn il-partijiet. Qal ukoll li dak li bdiet tallega s-soċjetà attriċi fir-rigward tal-ftehim bejn il-partijiet kien differenti għal kollox minn dak li attwalment ftiehmu dwaru l-partijiet fil-laqgħa tad-9 ta' Diċembru 2016. Qal ukoll li eventwalment ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet iddeġeneraw u kien hemm element ta' nuqqas ta' fiduċja fil-konfront ta' xulxin. Qal ukoll li kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjetà attriċi, Biero Ibrahim kien direttur eżekuttiv tas-soċjetà konvenuta u kien qiegħed jirċievi *dividends* fl-ammont ta' elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin Euro (€2,325) fix-xahar. Kompla jgħid li Jazz Cave għalqet il-bibien tagħha f'Ottubru tal-2017 wara l-intavolar ta' din il-kawża u l-mandat ta' sekwestru li sar mis-soċjetà attriċi minħabba li kien diffiċli ferm għas-soċjetà konvenuta li tibqa' tmexxi n-negozju meta l-kontijiet tagħha sfaw milquta minn dawn l-azzjonijiet legali. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li s-soċjetà attriċi abbużat mill-bona fede tas-soċjetà konvenuta meta għamlet xogħol li ma kinitx intalbet tagħmel u meta ma kinitx korretta fil-fatturi mibgħuta minnha, kif ukoll abbużat mill-proċeduri legali meta għamlet il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li affettwa n-negozju tas-soċjetà konvenuta b'mod li din kellha tagħlaq u inkorriet telf li eċċeda l-erba' mitt elf Euro (€400,000).

Il-kontroeżami ta' **Mohsen Al Hawary** sar fl-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2018[15], fejn ikkonferma li Biero Ibrahim oriġinarjament kien impjegat bħala *store manager,* u sussegwentement kien sar *restaurant manager* u wara xi żmien kien xtara xi ishma fis-soċjetà attriċi u sar azzjonist fiha. Qal li l-kunċett ta' Jazz

[15] *A fol.* 313 tal-proċess.

Club kien xi ħaġa li oriġinaha hu, u hu kien inkariga lis-soċjetà attriċi sabiex tassisti fil-*marketing* u servizzi relatati minħabba fir-reputazzjoni li din tgawdi madwar id-dinja. Ix-xhud elenka liema kienu s-servizzi li s-soċjetà attriċi kellha tipprovdi: PR, *website, marketing,* Facebook u *media* soċjali, filwaqt li kellha taħdem fuq l-installazzjoni ta' *murals* għar-*restaurant,* u qal li f'kull aspett ta' dawn is-servizzi kien hemm nuqqasijiet.[16] Ix-xhud qal li seta' jikkonferma li ħadd mill-organizzazzjonijiet tal-*media* ma kien preżenti għat-tnedija tal-kunċett, filwaqt li qal li għalih ma kienx jagħmel sens li s-*social media accounts* jiġu attivati wara t-tnedija tal-kunċett, tant li hu għamel enfasi li dawn kellhom ikunu attivati minn qabel it-tnedija, imma s-soċjetà attriċi kienet ipproġettat li dawn l-*accounts* kellhom ikunu operattivi fi żmien il-Milied.

Fl-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2018 tkompla l-kontroeżami tax-xhud **Mohsen Al Hawary**[17], li qal li hu kien barra l-pajjiż sa Awwissu 2017 u rritorna Malta madwar xahar qabel kien hemm it-tnedija uffiċjali tal-kunċett tar-*restaurant* inkwistjoni. Qal iżda li matul dan ix-xahar hu kien iżur ir-*restaurant* kważi kuljum, u anki fl-istadju ta' qabel il-ftuħ uffiċjali, hu kien innota ċerti nuqqasijiet fl-installazzjonijiet li kellhom ikunu pprovduti mis-soċjetà attriċi, u kien ġibed l-attenzjoni dwarhom. Ix-xhud qal ukoll li f'laqgħa li hu kellu ma' esponenti tas-soċjetà attriċi wara d-data tat-tnedija tal-kunċett, hu kien qalilhom li kien hemm aspetti tal-organizzazzjoni tal-avveniment li hu ma kienx kuntent bihom, bħall-fatt li ma kienx hemm *coverage* mill-*media*, u l-fatt

[16] Fi kliem ix-xhud, "*I agreed on Peak Ogilvy to take over the opening night. What happened on the opening night was not what we were on, there was no social media coverage, no Facebook page, actually the page was created but for people in Croatia not in Malta, there was no website, there was no menu design, there was no photo shoot. The photo shoot was taken, and the photos were so bad I rejected them all so if you ask me, yes I agree for Eur 750 for the opening night, was I satisfied with what was happening on the opening night? No I wasn't. And then mural as well was another part. The mural was executed and Peak Ogilvy had agreed in the first meeting to replace them but then when they replaced them again there was a bigger mistake and so yes I agreed the budget, yet I paid the money but I did not received what I paid for.*"

[17] *A fol.* 329 tal-proċess.

li ma kienx hemm lista ta' mistednin li attendew għal dan l-avveniment. Ix-xhud ġie muri l-*email* esebita *a fol.* 345 tal-proċess, fejn essenzjalment hu bagħat jirringrazzja lis-soċjetà attriċi għax-xogħol kollu li din kienet għamlet b'rabta mal-organizzazzjoni tat-tnedija tal-kunċett, fejn kien qal:

> *"Just wanted you all to know that I thought you did a terrific job on the Jazz Cave project and I really appreciate all your help in getting the restaurant ready for opening night.*
>
> *... we couldn't have done it without your expert consulting services."*

Ix-xhud wieġeb li dik l-*email* intbagħtet bħala kortesija, u żied jgħid,

> *"... this is a courtesy email for someone who works with you but the reality is what happened after the 26th of September and the confirmation from Ogilvy that they had nothing on the market. I was expecting on the 26th of September that Instagram is working, social media also working, website working, Facebook working and nothing. I discover later that nothing. Yes you are correct I spent three weeks from 1st September until the opening but I was so busy in doing a lot of things and in this time I have seen Marcus and Edwin Ward almost on a daily basis. I keep asking about the menu, have you got the photographs for the menu? Have you got the website running? We are working on it. I keep having promises, promises, promises. On the 27th of September I finished the opening and I looked back and started to evaluate what happened and it came as negative."*

Ix-xhud qal li hu ried jinkoraġġixxi lis-soċjetà attriċi minħabba pressjoni ta' ħin sabiex jiftaħ ir-*restaurant* u kien għalhekk li kien bagħat l-*email* fejn faħħar l-isforzi tas-soċjetà attriċi u x-xogħol li din għamlet b'rabta mat-tnedija tal-kunċett. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk kienx hemm limitu għan-numru ta' mistednin li setgħu jiġu ospitati fir-*restaurant* dakinhar tat-tnedija, u dan qal li minkejja li hu minnu li kellha tintbagħat *email* ta' apoloġija minħabba li xi nies kellhom jiġu rifjutati għat-tnedija tal-kunċett, fil-verità kien hemm diversi postijiet vojta waqt it-tnedija u n-numru ta' persuni li attendew kien ferm

inqas minn kemm kien oriġinarjament ippjanat. Ix-xhud ġie mistoqsi dwar jekk hu kienx informa lis-soċjetà attriċi li l-ammont ta' €11,200 kien qiegħed jintbagħat speċifikament biex ikopri l-ħlas tas-smart TVs, is-CCTV, uħud mill-installazzjonijiet marbuta mat-tnedija tal-kunċett u l-installazzjoni tal-*mural* fir-*restaurant*, u wieġeb li l-ħlas sar b'rabta ma' fattura partikolari mibgħuta lis-soċjetà konvenuta.

Il-kontroeżami ta' **Mohsen Al Hawary** tkompla fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018[18], fejn esebixxa kopji tal-*bank statement*[19] sabiex jindika l-ħlasijiet li saru mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi u meta saru. Waqt id-depożizzjoni tax-xhud ġie stabbilit li l-i*statements* ippreżentati minnu ma kinux tal-kontijiet tas-soċjetà konvenuta, iżda *statements* bankarji ta' ċerta Jacqueline Sandra Anne Cocks, li x-xhud qal li kienet l-investitur oriġinali f'dan il-proġett. Ix-xhud spjega li din l-investitur kienet allokat l-ammont ta' miljun Euro għal dan il-proġett, u l-i*statements* bankarji jindikaw diversi ħlasijiet li saru b'rabta ma' dan il-proġett, għalkemm mhux neċessarjament huma ħlasijiet li saru lis-soċjetà attriċi, filwaqt li kkonferma li b'kollox kien hemm żewġ ħlasijiet li saru lis-soċjetà attriċi.

## Konsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti evalwat il-provi li tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet. Filwaqt li s-soċjetà attriċi qiegħda tivvanta pretensjoni għall-ħlas tal-bilanċ ta' dsatax-il elf, tmien mija u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin

[18] *A fol.* 350 tal-proċess.
[19] *A fol.* 355 *et seq* tal-proċess.

ċenteżmu (€19,870.52) dovuti lilha b'rabta ma' diversi servizzi u materjali pprovduti minnha lis-soċjetà konvenuta, is-soċjetà konvenuta qiegħda teċċepixxi li dan il-ħlas mhux dovut minnha stante li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li s-somma dovuta mis-soċjetà konvenuta hija ta' għaxart elef, mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€10,163.45), liema ċifra ġiet miktuba mill-*financial controller* tas-soċjetà attriċi stess, li waqt laqgħa bejn il-partijiet kiteb fuq waħda mill-fatturi il-frażi '*As agreed settlement of €10,163.45'*, u dan wara li s-soċjetà konvenuta oġġezzjonat għal numru ta' fatturi mibgħuta lilha. Inoltre s-soċjetà konvenuta ssostni wkoll li l-ebda ammont mhu dovut minnha għaliex is-servizzi pprovduti mis-soċjetà attriċi ma kinux skont is-sengħa u l-arti jew ma kinux skont il-ftehim bejn il-partijiet, jew skont dak li kien ġie mitlub mis-soċjetà konvenuta.

Mill-provi jirriżulta li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet bdiet f'Lulju tas-sena 2016, u s-soċjetà attriċi pprestat għadd ta' servizzi lis-soċjetà konvenuta b'rabta mat-tnedija tal-kunċett ta' *restaurant* li ssemma 'The Jazz Cave', u in sostenn ta' dan, is-soċjetà attriċi esebiet għadd ta' dokumenti, ritratti u anki pubblikazzjonijiet li dehru f'ġurnali u f'rivisti hawn Malta li hija kienet ħadet ħsieb sabiex tirreklama l-kunċett tas-soċjetà konvenuta. Minn dak li rriżulta lill-Qorti, sa dakinhar li ġie mniedi dan il-kunċett fl-24 ta' Settembru, 2016, ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda tajba, u skont ma jidher mill-kopja tal-*email* mibgħuta minn Moshen Al Hawary nnifsu, dan kien sodisfatt ferm bil-livell ta' servizz mogħti lilu mis-soċjetà attriċi u faħħar l-inizjattivi u x-xogħol imwettaq mis-soċjetà attriċi, tant li ddeskriva dak li għamlet is-soċjetà attriċi bħala *'a terrific job'.* Madanakollu jidher li fil-ġimgħat ta' wara t-tnedija uffiċjali tar-*restaurant,* ir-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet sejra għall-agħar tant li Moshen Al Hawary beda jilmenta minn uħud mill-installazzjonijiet li saru fir-

*restaurant* mis-soċjetà attriċi, kif ukoll beda jilmenta mill-mod kif ġiet organizzata l-attività tat-tnedija tal-kunċett, bħall-fatt li deherlu li l-lista ta' mistednin għall-ftuħ ma kinitx waħda kif kellha tkun, il-fatt li dakinhar tat-tnedija kien hemm xi postijiet vojta fir-*restaurant,* u dan meta hu stess xehed li kien hemm xi persuni li ma ġewx aċċettati għall-ftuħ tant li s-soċjetà konvenuta bagħtet tapoloġizza għal dan, il-mod kif kienu lebsin uħud mill-persuni li attendew għall-ftuħ, il-fatt li ma ttiħdux ċertu ritratti jew li dawn ma ttiħdux b'mod professjonali, u dwar il-fatt li skont hu l-*accounts* tal-*media* soċjali b'rabta ma' dan il-proġett ma ġewx attivati fil-mument opportun. Il-Qorti semgħet ukoll x'kellhom xi jgħidu r-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi dwar dan, kif ukoll rat il-provi mressqa minnhom fir-rigward, il-lista tal-mistednin esebita *a fol.* 231 tal-proċess, l-*iscreenshots* tal-kont tal-Instagram tar-*restaurant* li jidher li f'temp ta' ftit xhur kellu 6,530 *followers*[20], in-numru ta' *tweets* b'rabta ma' dan il-kunċett, ir-reklam propost għall-pjattaforma *Foursquare,* kif ukoll ir-reklami fuq is-sit *Tripadvisor.* Inoltre mill-provi jirriżulta wkoll li permezz tal-*credit notes* li ġew maħruġa mis-soċjetà attriċi ġew mnaqqsa mill-bilanċ pretiż mis-soċjetà attriċi dawk l-ammonti li kienu oriġinarjament qegħdin jintalbu għar-ritratti li kienu ttieħdu waqt il-ftuħ tar-*restaurant* u għall-produzzjoni tal-*menus* li dwarhom ilmenta Mohsen Al Hawary. Barra minn hekk kuntrarjament għal dak li sostna Mohsen Al Hawary is-soċjetà attriċi mhijiex qed titlob ħlas għall-ħolqien ta' accounts fuq Instagram, Twitter, u fuq *media* soċjali oħrajn.

Il-Qorti hi tal-fehma li s-soċjetà attriċi għarfet taqdi sew l-inkarigu mogħti lilha sabiex tippromwovi l-kunċett tas-soċjetà konvenuta, u ċertament li ma kienx

[20] *A fol.* 168 tal-proċess.

jiddependi mis-soċjetà attriċi li timbotta jew iġġiegħel lil xi ħadd jattendi għall-ftuħ tar-*restaurant*. F'dan ir-rigward ġie kkonsidrat li wħud mill-ilmenti li saru Moshen Al Hawary, minkejja li setgħu saru minħabba d-diżappunt tiegħu għall-fatt li mhux kull min kien mistieden attenda għat-tnedija, madanakollu ma jistax jitqies li għax kien hemm xi mistednin li m'aċċettawx l-invit, is-soċjetà attriċi ma qditx l-inkarigu mogħti lilha kif kien mistenni minnha.

Il-fatt li s-soċjetà konvenuta naqset li tħallas l-ammonti dovuti minnha wassal għal diversi skambji ta' korrispondenza bejn il-partijiet, kif jidher mid-diversi *emails* esebiti u minn fejn jirriżulta li s-soċjetà konvenuta qatt ma aċċettat li għandha tħallas l-ammont mitlub minnha mis-soċjetà attriċi. *Screenshot* tal-offerta li għamel Biero Ibrahim permezz ta' SMS, fejn dan wiegħed li seta' jsir ħlas fl-ammont ta' €2,000, u l-bilanċ jitħallas b'pagamenti ta' €500 kull ġimgħa, liema offerta ma ġietx aċċettata mis-soċjetà attriċi, ma jindikax però kemm kien l-ammont totali li qablet li tħallas is-soċjetà konvenuta b'dan il-mod. Jidher ċar iżda li s-soċjetà attriċi dejjem tkellmet dwar bilanċ ta' għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€20,343.31) li għadhom dovuti lilha, kif jirriżulta mill-fatturi esebiti kif ukoll mill-*emails* li din bagħtet lis-soċjetà konvenuta. Mohsen Al Hawary fid-depożizzjoni tiegħu allega li f'laqgħa li kienet saret bejn il-partijiet fid-9 ta' Diċembru, 2016, kien intlaqħaq qbil li s-soċjetà konvenuta kellha tħallas l-ammont ta' €10,163.45, filwaqt li kellha tingħata diversi *credit notes* mis-soċjetà attriċi li kellhom jammontaw għal €14,428.60, u qal li kien sorpriż ferm meta sar jaf li l-*credit notes* kienu jammontaw għal €4,428.60 minflok l-ammont maqbul bejn il-partijiet, u li kien għalhekk li hu ma ħallas xejn minn dak li kien għadu dovut minnu.

Quddiem dawn il-verżjonijiet konfliġġenti kif ippreżentati mill-partijiet, partikolarment fin-nuqqas ta' prova oġġettiva bħalma kien ikun xi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, il-Qorti jkollha tistrieħ fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet sabiex tistabbilixxi liema verżjoni minn dawk mogħtija mill-partijiet hija l-aktar waħda attendibbli u verosimili. F'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilak**[21] ġie ritenut illi:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod f'sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina vs Fithome Ltd**[22] intqal illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."[23]

Il-Qorti kkonsidrat il-verosimiljanza u l-attendibilità tal-verżjoni ta' kull waħda mill-partijiet, partikolarment fl-isfond tal-fatt li s-soċjetà attriċi baqgħet b'mod konsistenti tinsisti għall-ħlas tas-somma ta' €19,870.52, kif jirriżulta anki mill-kopji tal-*emails* esebiti fl-atti. Qieset ukoll in-nota miktuba minn John Rizzo fuq waħda mill-fatturi li tgħid *'As agreed settlement of €10,343.31',* li r-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi jsostnu li kienet inkitbet wara li kien intlaħaq

[21] P.A., 30.10.2003.
[22] Q.A., 06.05.2011.
[23] Ara wkoll **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.

qbil bejn il-partijiet li parti mill-ammont dovut kellu jiġi paċut ma' diversi *credit notes*, u Mohsen Al Hawary kien qabel li jħallas parti mill-ammont dovut mis-soċjetà konvenuta u ċjoé għaxart elef, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€10,343.31) sa qabel il-Milied u għalhekk fi ftit jiem wara li kienet saret dik il-laqgħa, u l-bilanċ ta' disat elef, seba' mija u seba' Euro u seba' ċenteżmi (€9,707.07) kellu jitħallas wara l-festi tal-Milied. Kopji tal-*emails* mibgħuta mis-soċjetà attriċi jindikaw li kien dan il-ftehim bejn il-partijiet, għalkemm f'*email* mibgħuta minn Mohsen Al Hawary[24], dan sostna li l-ammont dovut mis-soċjetà konvenuta huwa ta' għaxart elef, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€10,343.31), skont in-notamenti li kien ħa waqt l-imsemmija laqgħa li kienet saret bejn il-partijiet. Il-Qorti tqis li t-teżi tas-soċjetà konvenuta mhijiex verosimili u xejn mhuwa kredibbli dak li sostna Mohsen Al Awary li l-*credit notes* li kellhom jiġu avvanzati lis-soċjetà konvenuta mis-soċjetà attriċi kienu jammontaw għal aktar minn nofs il-bilanċ li s-soċjetà attriċi kienet qed tippretendi li għandha titħallas mis-soċjetà konvenuta.

Il-Qorti tqis ukoll li l-interpretazzjoni li s-soċjetà konvenuta qiegħda tipprova tagħti għall-kliem '*As agreed settlement of Euro 10,163.45,...*' ma tirrappreżentax dak li kien ġie attwalment miftiehem bejn il-partijiet, u dan għaliex li kieku s-soċjetà attriċi riedet li l-bilanċ totali lilha dovut jkun fl-ammont ta' €10,343.31, it-terminu użat kien ikun '*in full and final settlement*'. Għall-kuntrarju ta' dak li qiegħda tippretendi s-soċjetà konvenuta, ma kienx dan il-kliem użat mill-*financial controller* tas-soċjetà attriċi, u proprju għaliex dak li qiegħda tippretendi s-soċjetà konvenuta issa mhux dak li attwalment kien ġie miftiehem mill-partijiet.

[24] *A fol.* 285 tal-proċess.

Finalment il-Qorti ser tgħaddi biex tindirizza l-lanjanza tas-soċjetà konvenuta li l-ebda ħlas mhu dovut minnha minħabba li s-servizzi u l-prodotti pprovduti lilha mis-soċjetà attriċi ma kinux tal-kwalità mixtieqa minnha. Il-Qorti kkonsidrat li ma nġabet l-ebda prova mis-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward permezz ta' espert *ex-parte*, u li għall-kuntrarju ta' dan, is-soċjetà attriċi ppruvat, anki permezz tad-diversi dokumenti esebiti minnha, li hi qdiet l-inkarigu mogħti lilha mis-soċjetà konvenuta skont dak li kien ġie mifthiem mill-partijiet. Il-fatt li bit-twettiq tal-inkarigu u bis-servizzi promozzjonali li ngħataw, jista' jagħti l-każ li ma ntlaħaqx ir-riżultat mixtieq mis-soċjetà konvenuta, m'għandux jagħti lok li s-soċjetà konvenuta titħalla tagħżel jekk għandhiex tħallas għas-servizzi reżi lilha jew le. Għalhekk l-ammont li mill-fatturi esebiti jirriżulta li hu dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi, għandu jitħallas fl-intier tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**

2. **Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi, u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hi debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' dsatax-il elf, tmien mija u sebgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€19,870.52), u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-imsemmija somma lis-soċjetà attriċi.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.